



Brussell, 17 ta' Jannar 2019
(OR. en)

5166/19

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0158(COD)

CODEC 54
UD 8
WTO 5
CADREFIN 7
PREP-BXT 5
PE 2

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Sugġett:	Proposal for a Regulation of the European Parliament and the Council on the apportionment of tariff rate quotas included in the WTO schedule of the Union following the withdrawal of the United Kingdom from the Union and amending Council Regulation (EC) No 32/2000 - Outcome of the European Parliament's first reading (Strasbourg, 14 to 17 January 2019)

I. INTRODUZZJONI¹

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 294 TFUE u d-dikjarazzjoni konġunta dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni², saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-għan li jintlaħaq qbil dwar dan id-dossier fl-ewwel qari, u b'hekk tiġi evitata l-ħtieġa għat-tieni qari u l-konċiljazzjoni.

¹ L-ifformattjar tal-verżjoni MT li ntbagħtet mill-PE ma jikkorrispondix f'kollox mal-Verżjoni EN

² ĠU C 145, 30.6.2007, p. 5.

F'dan il-kuntest, ir-rapporteur, Godelieve QUISTHOUDT-ROWOHL (PPE, DE), ippreżentat emenda ta' kompromess (l-emenda 17) għall-proposta għal Regolament, f'isem il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali.

Il-Kumitat ippreżenta wkoll żewġ emendi (l-emendi 18 u 19) għal dikjarazzjoni mill-Parlament u dikjarazzjoni mill-Kummissjoni li għandhom jiġu meħmuża mar-risoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament.

Dawn l-emendi kien intlaħaq qbil dwarhom matul il-kuntatti informali msemmija hawn fuq. Ma tressqet ebda emenda oħra.

II. VOTAZZJONI

Meta vvotat fis-16 ta' Jannar 2019, il-plenarja adottat l-emenda ta' kompromess 17 għall-proposta għal Regolament kif ukoll l-emendi 18 u 19 biex id-dikjarazzjonijiet jiġu annessi mar-risoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament³. Ma ġiet adottata ebda emenda oħra. Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari, li tinsab fir-risoluzzjoni leġislattiva tiegħu kif tinsab fl-Anness hawnhekk⁴.

Il-pożizzjoni tal-Parlament tirrifletti dak li kien intlaħaq qbil dwaru preċedentement bejn l-istituzzjonijiet. Il-Kunsill għandu għalhekk ikun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament.

L-att imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament.

³ Jekk jogħġbok ara l-paġna 45 ta' dan id-dokument.

⁴ Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-risoluzzjoni leġislattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet għat-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati b'*tipa grassa u bil-korsiv*. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

It-tqassim tal-kwoti tariffarji inklużi fl-iskeda tad-WTO tal-Unjoni wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni *I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Jannar 2019 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqassim tal-kwoti tariffarji inklużi fl-iskeda tad-WTO tal-Unjoni wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 32/2000 (COM(2018)0312 – C8-0202/2018–2018/0158(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2018)0312),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 207(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0202/2018),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 69f(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tas-7 ta' Diċembru 2018, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A8-0361/2018),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Japprova d-dikjarazzjoni tiegħu annessa ma' din ir-riżoluzzjoni li se tiġi ppubblikata fis-serje L tal-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea flimkien mal-att leġislattiv finali;
 3. Jieħu nota tad-dikjarazzjoni mill-Kummissjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni li se tiġi

ppubblikata fis-serje L tal-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea flimkien mal-att leġislattiv finali;

4. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sostanzjali jew ikollha l-ksieb li temendaha b'mod sostanzjali;
5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-16 ta' Jannar 2019 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2019/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqassim tal-kwoti tariffarji inklużi fl-iskeda tad-WTO tal-Unjoni wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 32/2000

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja¹,

¹ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Jannar 2019.

Billi:

- (1) Fid-29 ta' Marzu 2017, *ir-Renju Unit ressaq in-notifika tal-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni* skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) **■**. *It-TUE u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) (kollettivament, it-“Trattati”)* *ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' ftehim dwar il-ħruġ jew, fin-nuqqas ta' dan, sentejn wara dik in-notifika, jiġifieri mit-30 ta' Marzu 2019, sakemm il-Kunsill Ewropew, bi qbil mar-Renju Unit, ma jiddeċidix b'mod unanimu li jestendi dan il-perjodu.*
- (2) *Il-ftehim dwar il-ħruġ kif miftiehem bejn in-negozjaturi fih arranġamenti għall-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni għar-Renju Unit u fih, lil hinn mid-data li fiha t-Trattati ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit u fih. Jekk dak il-ftehim jidħol fis-seħħ, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 32/2000¹ japplika għar-Renju Unit u fih matul il-perjodu ta' tranżizzjoni skont dak il-ftehim u jieqaf japplika fi tmiem dak il-perjodu.*

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 32/2000 tas-17 ta' Diċembru 1999 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni tal-kwoti ta' tariffi Komunitarji marbutin fil-GATT u ċerti kwoti ta' tariffi Komunitarji oħra u li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-aġġustament tal-kwoti, u li jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1808/95 (ĠU L 5, 8.1.2000, p. 1).

- (3) Il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni ser ikollu effetti fuq ir-relazzjonijiet tar-Renju Unit u l-Unjoni ma' partijiet terzi, b'mod partikolari fil-kuntest tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), li tagħha t-tnejn huma membri oriġinali. ***Peress li negozjati dwar dak il-ħruġ kienu għaddejjin waqt in-negozjati dwar il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP), u b'kont meħud tas-sehem iddedikat għas-settur agrikolu fil-QFP, dak is-settur jista' jkun espost b'mod sostanzjali.***
- (4) Permezz ta' ittra tal-11 ta' Ottubru 2017, l-Unjoni u r-Renju Unit informaw lill-Membri l-oħra tad-WTO li kienet l-intenzjoni tagħhom li, malli joħroġ mill-Unjoni, ir-Renju Unit ser jirreplika kemm jista' jkun l-obbligi attwali tiegħu bħala Stat Membru tal-Unjoni fi skeda ġdida u separata ta' konċessjonijiet u impenji dwar il-kummerċ tal-prodotti. Madankollu, peress li, fir-rigward tal-impenji kwantitattivi, replika mhix metodu xieraq, l-Unjoni u r-Renju Unit informaw lill-Membri l-oħra tad-WTO bl-intenzjoni tagħhom li jiżguraw li l-livelli attwali tal-aċċess għas-suq tal-Membri l-oħra tad-WTO jinżammu permezz tat-tqassim tal-kwoti tariffarji tal-Unjoni bejn l-Unjoni u r-Renju Unit.

- (5) F'konformità mar-regoli tad-WTO, dan it-tqassim tal-kwoti tariffarji li huma parti mill-iskeda ta' konċessjonijiet u impenji tal-Unjoni ser ikollu jseħħ skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-1994 (GATT tal-1994). Għalhekk, wara t-tlestija ta' kuntatti preliminari, l-Unjoni ser tidħol f'negozjati ma' Membri tad-WTO li għandhom interess prinċipali jew sostanzjali fil-fornimenti jew għandhom id-dritt inizjali ta' negozjati b'rabta ma' kull waħda minn dawn il-kwoti tariffarji. ***Dawk in-negozjati jenħtieġ li jibqa' jkollhom ambitu limitat u jenħtieġ li bl-ebda mod ma jiġu estiżi għal negozjar mill-ġdid tat-termini ġenerali jew tal-livell ta' aċċess tal-prodotti fis-suq tal-Unjoni.***
- (6) Madankollu, minħabba l-limiti ta' żmien imposti fuq dan il-proċess min-negozjati dwar il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, huwa possibbli li l-ftehimiet jistgħu ma jgħux konklużi mal-membri kollha kkonċernati tad-WTO b'rabta mal-kwoti tariffarji kollha fid-data li ma tibqax tapplika għar-Renju Unit l-iskeda ta' konċessjonijiet u impenji tad-WTO tal-Unjoni dwar il-kummerċ ta' prodotti. Fid-dawl tal-ħtieġa li jiġu żgurati ċ-ċertezza tad-dritt u l-operazzjoni kontinwa bla intoppi tal-importazzjonijiet, skont il-kwoti tariffarji, fl-Unjoni u fir-Renju Unit, hemm bżonn li l-Unjoni tkun tista' ttipproċedi b'mod unilaterali bit-tqassim tal-kwoti tariffarji. Jenħtieġ li l-metodoloġija użata tkun konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994.

- (7) Għalhekk, jenħtieġ li tintuża l-metodoloġija li ġejja: bħala l-ewwel pass, jenħtieġ li jiġi stabbilit is-sehem tal-użu tar-Renju Unit għal kull kwota tariffarja individwali. Dak is-sehem tal-użu, espress bħala perċentwal, huwa s-sehem tar-Renju Unit tal-importazzjonijiet totali tal-Unjoni taħt il-kwota tariffarja fuq perjodu rappreżentattiv reċenti ta' tliet snin. Dak is-sehem jenħtieġ li jiġi applikat fuq il-volum kollu tal-kwota tariffarja skedata, ***b'kont meħud ta' kwalunkwe sottoutilizzazzjoni tiegħu***, sabiex jiġi stabbilit is-sehem tar-Renju Unit ta' kwota tariffarja partikolari. Imbagħad, is-sehem tal-Unjoni jkun jikkonsisti mill-bqija tal-kwota tariffarja inkwistjoni. Dan ifisser li l-volum totali ta' kwota tariffarja partikolari ma jinbidilx, jiġifieri, il-volum tal-UE27 huwa ekwivalenti għal volum attwali tal-UE28 nieqes il-volum tar-Renju Unit. Jenħtieġ li d-data sottostanti tiġi estratta mill-bażijiet tad-data rilevanti tal-Kummissjoni.
- (8) ***Il-metodoloġija għas-sehem tal-użu għal kull kwota tariffarja individwali ġiet stabbilita u miftiehma bejn l-Unjoni u r-Renju Unit, f'konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994, u għalhekk, dik il-metodoloġija jenħtieġ li tinżamm kollha biex tiġi żgurata l-applikazzjoni konsistenti tagħha.***

- (9) F'dawk il-każijiet fejn ebda kummerċ ma jiġi osservat għal kwota tariffarja speċifika fuq il-perjodu rappreżentattiv, jenħtieġ li jiġu segwiti żewġ approċċi alternattivi biex jiġi stabbilit is-sehem tal-użu tar-Renju Unit. F'dawk il-każijiet fejn teżisti kwota tariffarja oħra b'definizzjoni identika tal-prodott, jenħtieġ li s-sehem tal-użu ta' dik il-kwota tariffarja identika tiġi applikata għall-kwota tariffarja li hija mingħajr kummerċ osservat matul il-perjodu rappreżentattiv. F'dawk il-każijiet fejn ma hemm l-ebda kwota tariffarja b'definizzjoni identika tal-prodott, jenħtieġ li l-formula biex jiġi kkalkulat is-sehem tal-użu tiġi applikata għall-importazzjonijiet tal-Unjoni fil-linji tariffarji korrispondenti barra l-kwota tariffarja.
- (10) ***Għall-kwoti tariffarji*** agrikoli kkonċernati, l-Artikoli 184sa 188 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 ***tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ jikkostitwixxu*** l-bażi ġuridika meħtieġa għall-amministrazzjoni ***tal-kwoti tariffarji*** ladarba jinqasmu skont dan ir-Regolament . ***F'dan ir-rigward, il-kwantitajiet tal-kwoti tariffarji kkonċernati huma stabbiliti fil-Parti A tal-Anness ta' dan ir-Regolament. Għalhekk, jenħtieġ li dik l-amministrazzjoni titwettaq b'kunsiderazzjoni xierqa tal-għanijiet tal-Politika Agrikola Komuni, kif stabbiliti fit-TFUE, u l-multifunzjonalità tal-attivitajiet agrikoli. Għall-kwoti tariffarji*** li jkopru ***l-parti l-kbira tal-prodotti tas-sajd, tal-prodotti*** industrijali u ***ta' ċerti*** prodotti agrikoli pproċessati, l-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji titwettaq skont ir-Regolament ***tal-Kunsill*** (KE) Nru 32/2000. Il-kwantitajiet ***tal-kwoti tariffarji kkonċernati*** huma stabbiliti fl-Anness I ta' dak ir-Regolament u dak l-Anness jenħtieġ li għalhekk jiġi sostitwit bil-kwantitajiet stabbiliti fil-Parti B tal-Anness ta' dan ir-Regolament. ***Erba' kwoti tariffarji tas-sajd mhumieħ amministrati skont ir-Regolament (KE) Nru 32/2000 iżda skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 847/2006², li jimplimenta d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/324/KE³. Il-kwantitajiet tal-kwoti tariffarji kkonċernati huma***

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

² Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 847/2006 tat-8 ta' Ġunju 2006 li jiftaħ u jipprevedi għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi tal-Komunità għal ċertu ħut ippreparat jew ippreżervat (ĠU L 156, 9.6.2006, p. 8).

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/324/KE tas-27 ta' Frar 2006 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tat-Tajlandja bis-saħħa

stabbiliti fil-Parti C tal-Anness ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tadatta d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 847/2006 fir-rigward ta' dawk l-erba' kwoti tariffarji tas-sajd f'konformità mal-kwantitajiet imqassma stabbiliti b'dan ir-Regolament. Dawk is-setgħat ta' implimentazzjoni jenħtieġ li jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹.

tal-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 dwar il-modifika tal-konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka matul l-adeżjoni tagħhom mal-Unjoni Ewropea (ĠU L 120, 5.5.2006, p. 17).

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

- (11) Sabiex jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li n-negozjati mal-Membri tad-WTO affettwati kienu qed isiru b'mod parallel mal-proċedura leġislattiva ordinarja għall-adozzjoni ta' dan ir-Regolament, is-setgħa biex jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni biex temenda Partijiet A u C tal-Anness ta' dan ir-Regolament ■ fir-rigward tal-kwantitajiet tal-kwoti tariffarji mqassmin elenkati fih, sabiex jittieħed kont ta' kwalunkwe ftehim konkluż jew ta' informazzjoni pertinenti li tista' tirċievi fil-kuntest ta' dawk in-negozjati li tindika li l-fatturi speċifiċi li qabel ma kinux magħrufa jeħtieġu aġġustament fit-tqassim tal-kwoti tariffarji bejn l-Unjoni u r-Renju Unit, ***filwaqt li tiġi żgurata l-konsistenza mal-metodoloġija komuni miftiehma b'mod konġunt mar-Renju Unit***. Is-setgħa li tadotta atti jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fejn tali informazzjoni pertinenti ssir disponibbli ***minn sorsi oħra b'interess fi kwota tariffarja speċifika***. Barra minn hekk, ***ir-Regolament (KE) Nru 32/2000 jenħtieġ li jiġi emendat sabiex jiddelega lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-TFUE biex temenda l-Anness I ta' dak ir-Regolament***.

- (12) Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità u fid-dawl tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, huwa meħtieġ u xieraq li jiġu stabbiliti regoli għat-tqassim tal-kwoti tariffarji fl-iskeda tad-WTO tal-Unjoni. Dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet maħsuba, skont l-Artikolu 5(4) tat-TUE.
- (13) *Skont l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1182/71 tal-Kunsill¹, il-waqfien tal-applikazzjoni tal-atti f'fissati f'data partikolari għandu jseħħ meta tiskadi l-aħħar siegħa tal-jum li jaqa' f'dik id-data. Jenħtieġ li dan ir-Regolament għalhekk japplika mill-jum wara dak li fih ir-Regolament (KE) Nru 32/2000 jieqaf japplika għar-Renju Unit peress li minn dak il-jum kemm l-Unjoni kif ukoll ir-Renju Unit jeħtieġ li jkunu jafu liema huma l-obbligi tagħhom tad-WTO. Madankollu, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li jistabbilixxu d-delega ta' setgħa u l-għoti ta' setgħat ta' implimentazzjoni jenħtieġ li japplikaw mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.*
- (14) *Filwaqt li jittieħed kont tar-rekwiżiti proċedurali tal-proċedura leġislattiva ordinarja u l-ħtieġa li sussegwentement jiġu adottati atti ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament minn naħa waħda, u l-ħtieġa li l-kwoti tariffarji mqassma jkunu fis-seħħ u lesti biex jiġu applikati fil-mument li r-Renju Unit ma jibqax kopert bl-iskeda ta' konċessjonijiet u impenji tal-Unjoni, li jista' jkun mit-30 ta' Marzu 2019, min-naħa l-oħra, huwa essenzjali li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ mill-aktar fis possibbli,*

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

¹ Ir-Regolament (KEE, EURATOM) Nru 1182/71 tal-Kunsill tat-3 ta' Ġunju 1971 li jistabbilixxi r-regoli applikabbli għal perjodi, dati u limiti ta' żmien (ĠU L 124, 8.6.1971, p. 1).

Artikolu 1

- 1.** Il-kwoti tariffarji inklużi fl-iskeda ta' konċessjonijiet u impenji tal-Unjoni annessa mal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-1994 (GATT tal-1994) għandhom jitqassmu bejn l-Unjoni u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ("ir-Renju Unit") *f'konformità mal-metodoloġija li ġejja:*
- (a) *is-sehem tal-użu tal-importazzjonijiet tal-Unjoni, f'perċentwali, għal kull kwota tariffarja individwali huwa stabbilit, fuq perjodu rappreżentattiv reċenti ta' tliet snin;*
 - (b) *is-sehem tal-użu tal-importazzjonijiet tal-Unjoni, f'perċentwali, jiġi applikat għall-volum previst kollu tal-kwoti tariffarji biex jiġi stabbilit is-sehem tagħha ta' kwota tariffarja partikolari;*

(c) *għall-kwoti tariffarji individwali li għalihom ma jista' jiġi osservat l-ebda kummerċ matul il-perjodu rappreżentattiv kif stabbilit fil-punt (a), is-sehem tal-Unjoni minflok jiġi stabbilit billi tiġi segwita l-proċedura stabbilita fil-punt (b), abbażi tas-sehem tal-użu tal-importazzjonijiet tal-Unjoni, f'perċentwali, ta' kwota tariffarja oħra b'definizzjoni identika tal-prodott, jew fil-linji tariffarji korrispondenti barra mill-kwota tariffarja.*

2. *Is-sehem tal-Unjoni tal-kwoti tariffarji msemija fil-paragrafu 1 li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-metodoloġija msemija f'dak il-paragrafu għandu jkun kif ġej:*

(a) *rigward il-kwoti tariffarji għall-prodotti agrikoli, kif stabbilit fil-Parti A tal-Anness;*

(b) *rigward il-kwoti tariffarji għall-prodotti tas-sajd, għall-prodotti industrijali u għal ċerti prodotti agrikoli pproċessati, kif stabbilit fil-Partijiet B u C tal-Anness.*

Artikolu 2

Filwaqt li tiżgura l-konsistenza mal-metodoloġija msemmija fl-Artikolu 1(1) u b'mod partikolari tiżgura li l-aċċess għas-suq fl-Unjoni kif magħmul wara l-ħruġ tar-Renju Unit ma jaqbiżx dak li huwa rifless fis-sehem tal-flussi kummerċjali matul perjodu rappreżentattiv, il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 3 biex temenda ***l-Partijiet A u C tal-Anness*** sabiex jittieħed kont ta' dan li ġej,:

- (a) kwalunkwe ftehim internazzjonali konkluż mill-Unjoni skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994 li jikkonċerna l-kwoti tariffarji msemmija f'dawk il-partijiet tal-Anness; kif ukoll
- (b) informazzjoni pertinenti li tista' tirċievi jew fil-kuntest tan-negożjati skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994 jew ***minn sorsi oħra b'interess fi kwota tariffarja speċifika***.

Artikolu 3

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemija fl-Artikolu 2 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' **ħames** snin ... [mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. ***Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħliet jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.***

3. Id-delega ta' setgħa msemmiya fl-Artikolu 2 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. M'għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
4. Qabel ma' tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali ***tat-13 ta' April 2016*** dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet¹ .
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 2 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumex se jrinjoġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż ***b'xahrejn*** fuq inizzjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

¹ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

Artikolu 4

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni sabiex taġġusta, f'konformità mal-Parti C tal-Anness ta' dan ir-Regolament, il-volumi tal-kwoti tariffarji miftuħa u ġestiti mir-Regolament (KE) Nru 847/2006. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 5(2).

Artikolu 5

1. *Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat tal-Kodiċi Doganali stabbilit permezz tal-Artikolu 285(1) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.*
2. *Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.*

Artikolu 6

Ir-Regolament (KE) Nru 32/2000 huwa emendat kif ġej:

- (1) *Jiżdiedu l-Artikoli li ġejjin:*

"Artikolu 10a

Għall-fini tat-tqassim tal-kwoti tariffarji inklużi fl-iskeda ta' konċessjonijiet u impenji tal-Unjoni wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, u filwaqt li tiżgura l-konsistenza mal-metodoloġija msemmija fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament (UE) Nru xxx/xxxx⁺⁺ u, b'mod partikolari, tiżgura li l-aċċess għas-suq fl-Unjoni kif magħmul wara l-ħruġ tar-Renju

¹ Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

⁺⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Direttiva li tinsab fid-dokument PE-CONS 71/18 (2018/0158(COD)) u daħħal in-numru, id-data, it-titolu u r-riferenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota ta' qiegħ il-paġna.

Unit ma jaqbiżx dak li huwa rifless fis-sehem tal-flussi kummerċjali matul perjodu rappreżentattiv, il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 10b biex temenda l-Anness I ta' dan ir-Regolament sabiex jittieħed kont ta' dan li ġej:

- (a) kwalunkwe ftehim internazzjonali konkluż mill-Unjoni skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994, li jikkonċerna l-kwoti tariffarji msemmija fl-Anness I; kif ukoll*
- (b) informazzjoni pertinenti li tista' tirċievi jew fil-kuntest tan-negozjati skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994, jew minn sorsi oħra b'interess fi kwota tariffarja speċifika.*

Article 10b

- 1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni sugħġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.*
- 2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 10a hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin minn...[id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħliet jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.*
- 3. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikolu 10a tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. M'għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.*
- 4. Qabel ma' tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet**.*
- 5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.*

6. *Att delegat adottat skont l-Artikolu 10a għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'[xahrejn] fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.*

Regolament (UE) 2018/...tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta'dwar it-tqassim tal-kwoti tariffarji inklużi fl-iskeda tad-WTO tal-Unjoni wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 32/2000 (ĠU...).

** ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1. "

- (2) *L-Anness I huwa sostitwit bit-test fil-Parti B tal-Anness ta' dan ir-Regolament.*

Artikolu 7

- 1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*
- 2. L-Artikoli 1(2) u 6(2) għandhom japplikaw mill-jum wara dak li fih ir-Regolament (KE) Nru 32/2000 ma jibqax japplika għar-Renju Unit u fih.*
- 3. Artikoli għajr dawk imsemmija fil-paragrafu 2 għandhom japplikaw mill-jum tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

Għall-Kunsill

Il-President

ANNES

Parti A

Deskrizzjo ni tal- Prodott	Unità	Kwantità skedata tal- UE28	Pajjiż ¹	Numru tal- ordni	tal- UE27 fl- użu tal-	Id-daqs tat- TRQ tal- UE-27
Annimali bovini ħajjin	Ras	710	EO ³	090114	100%	710
Annimali bovini ħajjin	Ras	711	EO	090115	100%	711
Annimali bovini ħajjin	Ras	24 070	EO	090113	100%	24 070
Laħam tal-annimali bovini, frisk, imkessaħ jew iffriżat Ġewwieni li jittiekel tal-annimali bovini, frisk, imkessaħ jew iffriżat	t (il-piż tal- prodott)	7 150	AUS	094451	34,7%	2 481
Laħam ta' kwalità għolja bl-għadam jew mingħajru	t (il-piż tal- prodott)	17 000	ARG	094450	99,6%	16 936
Laħam ta' kwalità għolja mingħajr għadam tal- annimali bovini, frisk jew imkessaħ	t (il-piż tal- prodott)	12 500			99,6%	12 453
Laħam ta' kwalità għolja bl-għadam jew mingħajru	t (il-piż tal- prodott)	2 300	URY	094452	87,9%	2 022
Laħam ta' kwalità għolja mingħajr għadam tal- annimali bovini, frisk jew imkessaħ	t (il-piż tal- prodott)	4 076			87,9%	3 584
Laħam tal-annimali bovini, frisk, imkessaħ jew iffriżat Ġewwieni li jittiekel tal-annimali bovini, frisk, imkessaħ jew iffriżat	t (il-piż tal- prodott)	11 500	USA / CAN	094002	99,8%	11 481
Laħam ta' kwalità għolja tal-annimali bovini, frisk, imkessaħ jew iffriżat	t		PAR	094455	71,1%	711
Laħam ta' kwalità għolja tal-annimali bovini, frisk, imkessaħ jew iffriżat	t	1 300	NZL	094454	65,1%	846
Laħam mingħajr għadam tal-annimali bovini, frisk, imkessaħ jew iffriżat Ġewwieni li jittiekel tal-annimali bovini, frisk, imkessaħ jew iffriżat	t	10 000	BRA	094453	89,5%	8 951

¹ Għall-kodiċijiet uffiċjali tal-pajjiżi jekk jogħġbok irreferi għal:

http://www.nationsonline.org/oneworld/country_code_list.htm

² Għal skopijiet ta' preżentazzjoni, il-perċentwal għas-sehem tal-UE27 fl-użu tal-kwota
tqarreb għal pożizzjoni deċimali waħda. Madankollu, id-daqs tal-kwota tariffarja tal-UE27
ġie kkalkulat abbażi tal-perċentwal eżatt.

³ EO = erga omnes

Deskrizzjo ni tal- Prodott	Unità	Kwantità skedata tal- UE28	Pajjiż ¹	Numru tal- ordni	tal- UE27 fl- użu tal-	Id-daqs tat- TRQ tal- UE-27
Laħam tal-annimali bovini, iffriżat Ġewwieni li jittiekkel tal-annimali bovini, iffriżat	t (il-piż mingħajr għadam)	54 875	EO	094003	79,7%	43 732
Laħam tal-buflu mingħajr għadam, iffriżat	t (mingħajr għadam)	2 250	AUS	094001	62,4%	1 405
Laħam tal-buflu mingħajr għadam, iffriżat Laħam tal-buflu mingħajr għadam, frisk, imkessaħ jew iffriżat	t (mingħajr għadam)	200	ARG	094004	100%	200
Laħam tal-annimali bovini, iffriżat Ġewwieni li jittiekkel tal-annimali bovini, iffriżat	t (piż bil- għadam)	63 703	EO	094057	30,9%	19,676
Laħam tal-annimali bovini, iffriżat Ġewwieni li jittiekkel tal-annimali bovini, iffriżat	t (piż bil- għadam)		EO	094058		
Ġewwieni li jittiekkel tal-annimali bovini, iffriżat	t	800	OTH ¹	094020	100%	800
Ġewwieni li jittiekkel tal-annimali bovini, iffriżat	t	700	ARG	094460	100%	700
Laħam tal-ħnieżer, frisk, imkessaħ jew iffriżat: - Karkassi u nofs karkassi tal-ħnieżer domestiċi, friski, imkessħin jew iffriżati	t	15 067	EO	090122	100%	15 067
